MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2015

Avviz Numru. 63/2015

**Quality Analysis LImited**

**vs**

**Blue Sea Malta Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici fejn talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas l-ammont ta' hamest elef, mija u wiehed u ghoxrin Euro (€5121) oltre l-imghax legali mid-9 ta' Lulju, 2014 lis-socjeta' attrici rapprezenanti hlas dovut ghall-servizzi rezi mis-socjeta' attrici u dan kif johrog mill-istatement of accounts anness mar-rikors promotur u mmarkat Dokument A u ghall-liema servizzi s-socjeta attrici ghadha ma thallsitx. Illi dan id-dejn huwa cert likwidu u dovut u minkejja diversi interpellazzjonijiet huma xorta wahda baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant is-socjeta attrici talbet lil din il-Qorti sabiex prevja kwalsijasi dikjarazzjoni li jidhrilha xierqa u opportuna taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tikkundannhom sabiex ihallsu s-somma ta’ hamest elef, mija u wiehed u ghoxrin Euro (€5121) oltre l-imghax legali mid-9 ta’ Lulju, 2014.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

Rat li s-socjeta’ konvenuta debitament notifikata ma dehritx ghas-seduta tat-3 ta’ Lulju, 2015 u lanqas ipprezentat risposta.

Rat li fl-istess seduta, is-socjeta attrici pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tas-socjeta’ konvenuta.

Rat li fis-seduta sussegwenti tal-14 ta’ Lulju, 2015, is-socjeta’ konvenuta msejha tlett darbiet naqset li tidher, u ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta` attrici ghandu jitqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa’ t-talba tas-socjeta` attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ hamest elef, mija u wiehed u ghoxrin Euro (€5121) oltre l-imghax legali mid-9 ta’ Lulju, 2014, u bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------